A.L. 132 ta' l-1993

ATT DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA (KAP. 250)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Tariffi għal Servizz Telegrafiku u bit-Telex

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Tariffi għal Servizz Telegrafiku u bit-Telex, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1977 dwar Tariffi għal Servizz Telegrafiku u bit-Telex, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 67 ta' l-1977.

Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Ottubru, 1993.

2. Minflok ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"Drittijiet għal stallazzjoni u ħlasijiet għal konnessjoni.

2. Għandu jitħallas dwar l-istallazzjoni ta' —

(a) kull apparat ta' abbonat tat-telex provdut u mogħti manutenzjoni mill-Korporazzjoni Telemalta, dritt ta' Lm15,

(b) kull tagħmir telegrafiku, barra minn dak meħtieġ għal użu tat-telex, dak id-dritt li jista' jiġi stabbilit mill-Korporazzjoni f'kull każ partikolari, u

(ċ) kull par ta' linji telefoniċi għal kull makna tat-telex jew tagħmir telegrafiku meta dawk il-linji jenħtieġu in konnessjoni ma' dak it-tagħmir, ħlas għall-konnessjoni ta' Lm30.".

Iżid regolament 2A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan ir-regolamenti ġdid li ġej:

"*Network Access Charge* u kiri ta' linja telefonika.

2A. (1) Għandu jitħallas dwar kull makna tat-telex konnessa ma *network* tat-telex *access charge* ta' Lm120 fis-sena.

(2) B'żieda mat-tariffa msemmija fis-subartikolu (1) ta' qabel dan, għandu jitħallas għal kull makna tat-telex kera ta' Lm30 fis-sena għal par linji telefoniċi.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara l-kliem "apparati ta' abbonat tat-telex" fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu l-kliem "provduti u mogħtijin manutenzjoni mill-Korporazzjoni Telemalta".

Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-EWWEL SKEDA

Kera għal diversi tipi ta' apparat ta' abbonat tat-telex, magħduda l-manutenzjoni mogħtija

I Tip ta' Apparat ta' Abbonat tat-Telex (b'faċilitajiet awtomatiċi)	*Kera*
Telemalta Tip Nru. 1	Lm180 fis-sena
Telemalta Tip Nru. 2	Lm180 fis-sena
Telemalta Tip Nru. 3	Lm204 fis-sena
Telemalta Tip Nru. 4	Lm204 fis-sena
Telemalta Tip Nru. 5	Lm204 fis-sena
Telemalta Tip Nru. 6	Lm276 fis-sena
Telemalta Tip Nru. 7	
(a) Mudell Standard	Lm336 fis-sena
(b) Mudell Standard (bi *floppy disc drive unit*)	Lm360 fis-sena
(ċ) Mudell Standard (b'*tape punch and reader unit*)	Lm384 fis-sena
(d) Mudell Standard (bi *floppy disc drive unit* u *tape punch and reader unit*)	Lm408 fis-sena
Tipi oħra	Kif jiġi stabbilit mill-Korporazzjoni.".